# 414. L-Erba' Kuġini

Għad-dija qawwija tal-qamar, il-Kokka
quddiem il-mirjat tat-twaletta,
lil rixha qed tomxot u 'l wiċċha tirtokka,
bis-sengħa tal-aqwa ċavetta;
ċurkett tad-djamanti ta' sieqha fid-difer,
b'għajnejn kbar ileqqu bħall-ġamar
tan-nar, hija dehret tal-bejta fix-xifer,
lilha oħroġ u taħbi lill-qamar,
lill-qamar,
lill-qamar,
lilha oħroġ u taħbi lill-qamar

U ġie l-Qattus iswed b'għajnejh ħadranija
igħanni bid-daqq tal-kitarra;
"Ja Kokka sabiħa, ja Kokka dħulija,
għalik minn ġod-dar ħriġt 'il barra!
Oh! kemm jisogħbija li jiena miżżewweġ!
nintrabat kont rabta tad-demm
biss miegħek, ja Kokka, biex miegħek inbewweġ!
ah! kemm jien inħobbok, kemm!
U kemm!
U kemm!
ah! kemm jien inħobbok u kemm!

Stednitu biex jgħaddi, stednitu biex jitla'
fil-bejta sabiħa, kennija;
u tela' jixxabbat tal-liedna max-xitla
tal-qamar bil-leħħa mimlija;
dak sufu sewdieni, bellusi mill-fini,
għajnejn kbar u tondi bħal ħabba;
bla riedet, ta' qalbha ħallew l-iskorfini,
u mlewha bil-ħeġġa u bl-imħabba,
bl-imħabba
bl-imħabba,
u mlewha bil-ħeġġa u bl-imħabba.

U kif kienu jgħannu tal-qamar għad-dija,
jitbewsu, jinħabbu flimkien,
għaddiet il-Qattusa b'għajnejn ħamranija
u sufha bajdani mill-ġnien;
u lemħet lil żewġha jitperreċ mal-liedna
u qaltlu: Ja żewġi, Qattus,
X'int tagħmel f'dak l-għoli, ja raġel bla riedna,
ewwilla mara oħra qed tbus?
qed tbus?
qed tbus?
ewwilla mara oħra qed tbus?

U qal il-Qattus minn dak l-għoli 'l-Qattusa,
b'dak leħnu kemm kemm ftit imdiehex;
"Din mara sabiħa, din mhix xi xantusa,
b'unurha ħadd ħadd ma jitriegħex;
ja marti, kun af illi tagħna l-kuġina
hi l-kokka, għajnejn fosforin
li għandha bħal tagħna, għall-ġrieden tgħaddina,
u  l-Kokku huwa tagħna l-kuġin,
kuġin,
kuġin,
u l-Kokku huwa tagħna l-kuġin!"

Kif kien qed jitkellem il-Kokku b'żewġ ġrieden
għal ħdejhom ittajjar sabiħ;
għall-pranzu l-kuġini ferħan huwa stieden;
mill-ewwel kif ratu għalih
waqa' għoqlha l-Qattusa: flimkien kielu l-kaċċa,
huma xorbu fuq mejda ħamrana tirkaċċa,
imżejna b'vażuni bil-fjur
bil-fjur
bil-fjur
imżejna b'vażuni bil-fjur.

L-irġiel bdew ipejpu sigarri fewwieħa,
in-nisa ggostaw sigarett;
il-Kokku biex jistma 'l-Qattusa ferrieħa
offrielha tal-liedna bukkett,
kuruna tar-rix madwar rasha poġġielha
li tfisser inħobbok qatiegħ;
weġbitu l-Qattusa bil-ħarsa ta' ġmielha;
"Seraqni dak wiċċek sabiħ
sabiħ
sabiħ
seraqni dak wiċċek sabiħ."

U ħarġu mill-bejta, fis-setaħ 'il barra,
u xtaqu li jiżfnu u jkantaw;
b'saqajh il-Qattus beda jdoqq il-kitarra,
u l-Kokka bdiet tgħanni babaw.
Il-Kokku fiż-żifna flimkien mal-Qattusa
dlonk ħareġ idur ġewwa l-ġnien,
it-tango, u l-valzer u ż-żfin t'Andalusa,
u t-twist huma żifnu flimkien,
flimkien
flimkien,
u t-twist huma żifnu flimkien.

U wara li żifnu u għannew, passiġata
telqulha; mal-Kokku u l-Qattusa,
mal-Kokka l-Qattus, bħan-namrat u n-namrata,
jonkella l-għarus u l-għarusa.
Il-ġrieden mit-toqob għannewlhom is-sliem,
tefgħulhom ta' fwieħa ġibjun,
xtaqulhom li jibqgħu ferħana bla tmiem
fil-ħlewwa ta' dal-honeymoon,
honeymoon,
honeymoon,
fil-ħlewwa ta' dal-honeymoon.